**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru: 1185/2020 AF**

**L-Avukat Dr Tanya Sciberras Camilleri bhala Mandatarju Specjali ta' Alfredo Alvarez Ramos (Karta tal-Identità Spanjola nru. 09794643R) u b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Frar 2025, Dr. Reuben Balzan assuma l-kariga ta' Mandatarju Specjali**

**vs**

**Blue Square Aviation Group Malta Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti l-mibkija l-Avukat Dr. Tanya Sciberras Camilleri bhala Mandatarja Specjali ta' Alfredo Alvarez Ramos, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Alfredo Alvarez Ramos kien ingaggat mis-socjetà intimata bhala pilota u dan skond Service Agreement datat 28 ta' Awwissu tas-sena 2019 hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, fejn skond Artikolu 4 ta' dan l-istess kuntratt, is-socjetà intimata kellha thallas l-esponenti s-somma ta' €8,000 fix-xahar kif ukoll *flight simulation training* li jammonta ghal €2000 skond zewg *flight simulation records* hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B1 – B2.

Dan il-kuntratt intemm permezz ta' *Termination Agreement* datat 14 ta' Jannar 2020 hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

Is-socjetà intimata per konsegwenza hija debitrici tal-imsemmi Alfredo Alvarez Ramos fis-somma komplessiva ta' €26,000 skond prospett hawn anness u mmarkat Dokument D.

Id-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut, u l-kumpannija konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba rikorrenti.

Minkejja li s-socjetà intimata giet interpellata sabiex thallas l-ammonti fuq indikati in linea mal-kuntratt ta' servizzi, anke permezz ta' ittra ufficcjali 166A bin-numru 132/2020, hija baqghet inadempjenti.

L-esponenti noe qeghda bil-gurament taghha tiddikjara illi fil-fehma taghha s-socjetà intimata m'ghandhiex difiza x'taghti kontra t-talba attrici.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi li tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna d-dispensa mis-smiegh tal-kawza b'applikazzjoni tal-artikolu 167 et seq ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara li s-socjetà intimata Blue Square Aviation Group Malta Limited debitrici fil-konfront tal-esponenti Alfredo Alvarez Ramos fis-somma komplessiva ta' €26,000 rapprezentanti- l-bilanc ta' dejn cert, likwidu u li ghalaq.

3. Tikkundanna lill-istess intimata thallas lill-esponenti attur l-imsemmija somma €26,000.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali b'numru ta' referenza 132/2020 u tal-mandat ta' sekwestru numru 1499/2020 u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena ikkalkolati mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjetà intimata li d-diretturi u r-rapprezentanti taghha huma ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2021 il-Qorti akkordat lis-soċjetà intimata l-fakoltà li tressaq nota t'eċċezzjonijiet.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati Anton Pettinger ghan-nom u in rapprezentanza ta' Blue Square Aviation Group Malta Limited, permezz ta' liema ġie eċċepit illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-attrici nomine ghandha ggib prova li giet debitament awtorizzata tintavola l-prezenti proceduri ghan-nom ta' Alfredo Alvarez Ramos, u fin-nuqqas l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fit-tieni lok u in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponenti mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-ammont ta' €2,000 pretizi mill-attrici nomine ghal tahrig (*flight simulation training*) li sar minn Alfredo Alvarez Ramos ta' zewg apprendistati, u dan kif rikonoxxut fir-records tal-imsemmi tahrig (vide d-dokumenti annessi mar-rikors promotur u mmarkati bhala B1 u B2 rispettivament) u specifikament ghaliex l-apprendistati indikati ma ghandhom ebda relazzjoni mal-esponenti. B'hekk il-legittimu kuntradittur ghall-imsemmija somma huma l-apprendistati nfushom Boris Tebiev u Gorshkov Dmitrii, jew min minnhom.

Fit-tielet lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet tal-attrici nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu li l-ammonti pretizi minn Alfredo Alvarez Ramos – kif specifikati fil-prospett anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala Dokument D – ma humiex dovuti mis-socjetà esponenti ghal ragunijiet diversi li ser jigu ampjament spejgati u elaborati hawn taht fil-mori tal-kawza.

Alfredo Alvarez Ramos kkommetta ksur flagranti tal-obbligi tieghu a favur is-socjetà esponenti, naxxenti mill-kuntratt msejjah bhala "Services Agreement" (vide Dok. A tar-rikors promotur intavolat mill-attrici nomine), u specifikament ksur tal-klawsoli numru 1 u 8 tal-istess kuntratt, u dan in kwantu kien hemm nuqqasijiet serji fir-rigward tal-harsien minnu tal-obbligi regolatorji, primarjament fejn ghandu x'jaqsam it-tahrig professjonali mistenni minnu taht il-klawsoli surreferiti tal-imsemmi kuntratt kif ukoll ai termini tal-ligi, b'mod partikolari l-obbligi tieghu naxxenti mill-Artikolu 20 u l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/1139 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni civili – liema provvizjonijiet legali ghandhom effett dirett fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, inkluz f'Malta.

Fost nuqqasijiet ohra, b'konsegwenza tan-nuqqasijiet tas-sur Alvarez Ramos surreferiti huwa gie grounded fl-ahhar t'Ottubru tas-sena 2019 u cioè ma setax iwettaq is-servizzi tieghu ai termini tas-services agreement bejn ix-xhur ta' Novembru 2019 u Jannar 2020, u dan ghaliex, ma kienx jissodisfa il-kriterji regolatorji sabiex ikun jista' jwettaq l-istess servizzi li ghalihom gie ngaggat mill-esponenti, kif mixhud mill-korrispondenza hawn annessa u mmarkata bhala Dok. KOR.

B'daqstant, l-istess Alvarez Ramos ma wettaqx is-servizzi li ghalihom qed jippretendi hlas permezz tal-proceduri odjerni fl-ammont ta' €24,000 u ghalhekk dan l-ammont ma huwiex dovut mill-esponenti.

Di più, l-ammont ta' €2,000 mitlub mill-attrici nomine ghal tahrig (*flight simulation training*) li sar minn Alfredo Alvarez Ramos ta' zewg apprendistati, u dan kif rikonoxxut fir-records tal-imsemmi tahrig (vide d-dokumenti annessi mar-rikors promotur u mmarkati bhala B1 u B2 rispettivament) mhumiex dovuti mill-

esponenti stante li ma ghandha ebda konoxxenza jew relazzjoni mal-imsemmija apprendistati.

Ghalhekk it-talba tal-attrici nomine ghandha tigi michuda bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fir-raba' lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-*Termination Agreement* anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala Dok. C ma hux validu ghaliex ma giex konkluz u perfett stante li ma giex iffirmat mis-sur Alfredo Alvarez Ramos.

F'dan ir-rigward, l-esponenti tissottolinea l-fatt li l-imsemmi kuntratt gie biss propost lis-sur Alvarez Ramos permezz ta' e-mail u qatt ma rceviet ebda risposta jew accettazzjoni minghandu ghall-istess.

*Di più* sussidjarjament, l-imsemmi kuntratt ma jistipula ebda bilanci pendenti a favur is-sur Alvares Ramos fid-data tat-terminazzjoni tal-ingaggament tieghu.

Inoltre u sussidjarjament l-imsemmi kuntratt ma jistipulax li jista' jigi ffirmat in duplicate u li kull kopja ghandha titqies wahedha bhala valida u vinkolanti – kif ghandu jsehh meta ftehim jkun ser jigi ffirmat permezz ta' mezzi elettronici.

Ghalhekk l-imsemmi *Termination Agreement* ma ghandu ebda forza legali vinkolanti jew rilevanza ghall-proceduri odjerni.

Fil-hames lok, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit Alfredo Alvarez Ramos kkommetta ksur flagranti tas-Services Agreement (vide Dok. A tar-rikors promotur intavolat mill-attrici nomine), inkluz inter alia tal-klawsoli numru 1 u 8 tal-istess ftehim, kif ukoll ksur tal-obbligi tieghu naxxenti mill-ligi – b'mod partikolari dawk naxxenti mill-Artikolu 20 u l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2017/1139 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni civili – liema ksur jikkwalifika bhala "gross misconduct" ai termini tas-sub-incizi (d), (l), (m) u (o) – fost ohrajn – tal-klawsola numru 11.4, tal-istess ftehim liema "gross misconduct" kien jimmerita t-terminazzjoni immedjata tal-ingaggament tieghu mill-esponenti ai termini tal-klawsola 11.3

tal-istess ftehim, u ghalhekk l-azzjoni odjerna intavolata mill-attrici nomine hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ir-rapprezentant tal-esponenti, Anton Pettinger jaf b'dawn il-fatti kollha personalment.

Gialadarba jigu akkolti dawn l-eccezzjonijiet, allura mbaghad l-ispejjez kollha relatati mal-procedura odjerna, kif ukoll dawk relatati mal-ittra ufficjali bin-numru ta' referenza 132/2020 u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1499/2020 ghandhom jigu sopportati interament mill-attrici nomine.

L-esponenti qed tirrizerva kull dritt t'azzjoni spettanti lilha fil-konfront tas-sur Alfredo Alvarez Ramos, inkluz azzjoni ghall-irkupru ta' danni sofferti minnha naxxenti mill-ksur tal-obbligi tieghu a favuriha.

Salv kull eccezzjoni ohra permessa mil-ligi.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2025 il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti sabiex jiġi ammess l-Avukat Dottor Reuben Balzan bħala mandatarju speċjali ta' Alfredo Alvarez Ramos u għalhekk ordnat id-debita korrezzjoni fl-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal lum.

Ikkunsidrat illi din hija kawża permezz ta' liema r-rikorrenti qiegħed jitlob illi jitħallas is-somma komplessiva ta' €26,000 rappreżentanti ħlas ta' salarju ta' tlett xhur ammontanti għal €24,000 u s-somma ta' €2,000 rappreżentanti *flight simulation training*.

Fit-28 t'Awwissu 2019, ir-rikorrenti, bdot bi professjoni iffirma *Service Agreement* mas-soċjetà intimata sabiex jiġi mpjegat magħha bħala bdot tal-Embraer 134/145.

Mill-provi jirriżulta li fis-16 ta' Diċembru 2019 il-Flight Operations Inspectorate fi ħdan Transport Malta għamlet *audit* tas-soċjetà intimata minn fejn irriżultaw varji nuqqasijiet. Clint Taliana *qua* Kap tal-imsemmija taqsima xehed illi fil-kors tal-*audit* saru wkoll verifiki fuq il-piloti tas-soċjetà intimata inkluż ukoll fuq ir-rikorrenti. Irriżulta li r-rikorrenti kellu taħriġ li ma kienx konformi mal-liġi u għalhekk huwa ġie *grounded* minn Ottubru tas-sena 2019 sakemm għamel it-taħriġ neċessarju u wara reġa beda jtir. In vista ta' tali nuqqasijiet li is-soċjetà intimata qieset bħala *gross misconduct*, hija ħejjiet *Termination Agreement* datat 14 ta' Jannar 2020 u trażmettietu lir-rikorrenti. Ir-rikorrenti la qatt ressaq xi lment jew osservazzjoni dwar dan it-*termination agreement* u lanqas qatt ma ffirmah.

Ir-rikorrenti qiegħed jitlob il-ħlas tas-salarju tiegħu għax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 2019 u cioè x-xhur li matulhom ma setax itajjar ajruplani. Jippretendi wkoll ħlas ta' żewġ korsijiet ta' *flight simulation* li saru fil-5 u 6 t'Ottubru 2019. Huwa jibbaża t-talba tiegħu fuq il-fatt li kien jinkombi fuq is-soċjetà intimata li tipprovdih bit-taħriġ relattiv u li la darba naqset milli tagħmel dan allura għandha tħallas lir-rikorrenti skont kif minnu mitlub.

Egor Levandovsky in rappreżentanza tas-soċjetà intimata xehed illi t-taħriġ in kwistjoni kellu jsir mir-rikorrenti *online* iżda r-rikorrenti qatt ma segwa dan it-taħriġ. Għalhekk permezz ta' *e-mail* tat-22 t'Ottubru 2019 Levandovsky għarraf lil Carlos Yarus Ramos *qua* kap tal-flotta, illi r-rikorrenti kien jeħtieġ isegwi dan it-taħriġ: *company induction*; *company CRM course*; *company annual/initial ESET training*; *EFB training*; *CFIT course with the scandlearn*.

Is-soċjetà intimata tisħaq li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaċċerta ruħu li t-taħriġ tiegħu ikun konformi mal-liġi u mar-rekwiżiti tal-professjoni b'tant illi n-nuqqas li jagħmel dan huwa nuqqas gravi ħafna li mmerita t-terminazzjoni tal-impjieg minn dak inhar li nstab non-konformi mal-liġi.

Is-soċjetà konvenuta eċċepiet l-ewwel nett illi għandha ssir il-prova tal-mandat mogħti lill-Avukat Dottor Tanya Sciberras

Camilleri sabiex tirrappreżenta lil Alfredo Alvarez Ramos. Din il-prova ma tirriżultax in atti madanakollu, s-sitwazzjoni ġiet rimedjata permezz tar-rikors tar-rikorrenti tat-13 ta’ Frar 2025 ai termini ta’ liema talab li jiġi ammess bħala mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Dottor Reuben Balzan minflok l-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri. Flimkien ma’ dan ir-rikors li l-Qorti laqgħet fit-18 ta’ Frar 2025, ġiet preżentata kopja tal-prokura relattiva. Tqis għalhekk din l-eċċezzjoni bħala sorvolata.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari s-soċjetà intimata eċċepiet illi mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti rigwardanti ħlas ta’ *flight simulation*. F’dan ir-rigward eċċepiet illi huma l-apprentisti nnifishom li għandhom iħallsu għal dan it-taħriġ. F’dan ir-rigward, mill-provi in atti jidher illi r-rikorrenti kien l-istruttur ta’ *flight simulation* li sar minn Boris Tebiev u Gorshkov Dmitrii. In atti ma tirriżulta ebda prova dwar min kien li ordna u/jew talab lir-rikorrenti jagħti dan it-taħriġ. Madanakollu, minn qari tas-*Service Agreement* jirriżulta li l-impjieg tar-rikorrenti kien dak ta’ bdot. Ma jirriżultax li ai termini tas-*Services Agreement* ir-rikorrenti kellu wkoll jagħti taħriġ. Kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jagħmel il-prova li tali taħriġ ingħata fuq struzzjoni tas-soċjetà intimata u li allura kellu jitħallas mingħandha għas-servizzi minnu mogħtija. Fin-nuqqas ta’ din il-prova l-Qorti sejra tilqa’ l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata u tiddikjara li mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet tar-rikorrenti sa fejn din tirrigwarda ħlas relattiv għal għoti ta’ taħriġ ta’ *flight simulator*.

Dan eskluz, dak li trid tiddetermina l-Qorti huwa min sewwa sew huwa responsabbli għat-taħriġ li kellu jagħmel ir-rikorrenti.

L-Argument tar-rikorrenti huwa fis-sens li ai termini tal-klawsola numru 10.1 tas-*Service Agreement* hija s-soċjetà intimata li hija responsabbli mit-taħriġ. Il-klawsola ċitata mir-rikorrenti taqra hekk:

> *“All trainings and revalidation of licenses as well as associated expenses (…) necessary for the Contractor to act as Pilot in Command/Commander or Fist officer on Commercial Air Transport (further “Training” or “Trainings” shall be paid by the Company forming Training Expenses.*

*Selection of the facilities and methods of trainings lies with the Company and performed accordance with EASA regulations and Company Operations Manual applicable for particular type of operations. These also include all Trainings arranged by the Company for the pilot prior the execution date of this contract*."

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-interpretazzjoni ta' din il-klawsola hija waħda sempliċi u cioè li s-soċjetà intimata obbligat ruħha li tħallas hi għall-ispejjeż tat-taħriġ tal-bdot. Imkien fil-klawsola ma jingħad li jinkombi fuqha li tara li l-bdot jirċievi t-taħriġ u li jkun konformi mal-liġi f'kull waqt tal-impjieg.

Da parti tagħha s-soċjetà intimata għamlet referenza għall-klawsola numru 1.4 tas-*Service Agreement* liema klawsola taqra hekk:

"*The Contractor is obliged to notify the Employer three (3) months prior to the expiration of any training affecting the ability to perform his flight duties in accordance with the Agreement. Notification should be sent by e-mail to the chief of crew training and head of flight operations. Failure to notify the Company could lead to disciplinary action being taken by the Company, up to and including dismissal*."

Din il-klawsola mill-banda l-oħra tixħet fuq il-bdot r-responsabilità li javża lis-soċjetà intimata ġa minn tlett xhur qabel, dwar l-iskadenza ta' taħriġ li n-nuqqas tiegħu jaffettwah billi ma jkunx jista' jtir. Din il-klawsola hija konformi mal-Artikolu 23 tar-regolament numru 2018/1139 tal-Unjoni Ewropea[1] dak li jistabbilixxi r-rekwiżit għall-piloti li jikkonformaw ruħhom ma' liċenzji u taħriġ fil-professjoni. Dan ir-rekwiżit huwa mfisser aktar dettaljatament fir-regolamenti numru 1.1 sa 1.10 tal-Annex IV tar-Regolament numru 2018/1139 tal-Unjoni Ewropea liema regolament jistabbilixxi illi hija r-responsabilità tal-bdot li

[1] dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91

jikseb u jżomm ruħu aġġornat b'taħriġ kontinwu *sia* dak teoretiku, prattiku u mediku sabiex jaqdi dmirijietu bl-aħjar ħila. L-istess prinċipju huwa rifless fir-Regolament tal-Kunsill Ewropew No 1178/2011 (Part-FCL) senjatament ir-regolament numru FCL.740.PL, Taqsima 4 tal-Anness numru 1.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti tqis illi ma jreġix l-argument tar-rikorrenti li kellha tkun is-soċjetà intimata li tara li jkun aġġornat fit-taħriġ tiegħu. Effettivament, jinkombi propjru fuq il-bdot, f'dan il-każ ir-rikorrenti li jaċċerta ruħu li jkun konformi mal-liġi f'kull waqt u li addirittura minn tlett xhur qabel l-iskadenza għandu javża lill-kumpanija magħha impjegat dwar taħriġ jew liċenzja li ser tiskadi sabiex jiġi aċċertat li t-tiġdid relattiv isir fil-ħin. F'dan il-każ huwa evidenti li r-rikorrenti naqas fid-doveri tiegħu u għalhekk issa jrid iġorr il-konsegwenzi li tali nuqqas iġib miegħu.

Għalhekk u ghal dawn ir-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata.

2. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

3. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kollha.

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP REG